Avviż Numru CCT 473/10

**Claudio u Valerie Cardona**

**vs**

**Central Trading Co. Ltd. - Artech**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' ħames mija u sebgħin ewro (€570), rappreżentanti prezz ta' *airconditioning unit,* liema *airconditioning unit* suppost huwa kklassifikat 'Class A', pero' meta huma ċċekjaw dan l-A/C illi ġie kkonsenjat lilhom indunaw li għandu klassifikazzjoni ta' 'Class B'.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendiex għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *airconditioning unit* bi klassifikazzjoni ta' 'Class A' u bl-effiċenzi li indika hu stess ta' dan l-*airconditioning unit*, u li wara xi riċerki rriżulta li dan l-A/C ma kienx skond l-ispeċifikazzjonijiet u li kien klassifikat 'Class B', u għalhekk qed jitolbu l-flus lura.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub u anke mit-testijiet li għamlet, li dan l-*airconditioning unit* huwa xorta 'Class A' u bejn wieħed u ieħor għandu l-istess effiċenzi.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta, minkejja li ssottometta risposta bil-miktub.

Għaldaqstant, it-Tribunal jikkundanna dan l-aġir minħabba l-fatt illi l-intimat għandu jiġġustifika dak li qed jipprova jgħid ukoll bil-miktub.

Pero' t-Tribunal jinnota illi r-rikorrenti daħal fl-inkonvenjent sabiex jara u jasal għall-verita', jekk wasal għaliha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jaċċetta li l-*airconditioning unit* huwa ta' l-istess kwalita', pero' jikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitt ewro (€100), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**